# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 643/97

Carmel Briffa

vs

Health Department u b' digriet tat-23 ta' Gunju 1999 giet korretta ghal Tabib Principali tal-Gvern

Illum 11 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-sena 1989 huwa sofra ingustizzja peress li gie maqlugh mix-shift.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:-

1. Illi r-rikorrent kien ilu jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha, precisament fid-Dipartiment tal-Komunita', bhala xufier sa mis-sena 1982.

2. Illi r-rikorrent dejjem ghamel xoghlu bl-akbar reqqa u responsabbilita'.

3. Illi fis-sena 1989, minghajr raguni ta' xejn, ir-rikorrent gie maqlugh mix-xift u dahal xufier iehor, bil-konsegwenza li tilef ix-xift allowances.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jigi rrimedjat billi jerga' jidhol lura fix-xift u jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm 5,000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:-

Illi t-transfer li allegatament inghata lir-rikorrent ma sarx kapriccozament u minghajr raguni. Sar biss stante li l-bzonnijiet ta' dak inhar li dan it-transfer gie effetwat kienu jirrikjedu tali. Dan kollu huwa stipulat fit-"terms of appointment" tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-initmat fil-waqt li gab is-suespost a formali konjizzjoni tar-rikorrent, talab li t-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif maghmula fir-rikors stante li nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kolha tal-kawza.

Sema' li-xxhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors.  Semma li dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha ghall-habta tas-sena 1982 bhala xufier u fil-bidu kien jahdem bix-shift u ghalhekk kien jahdem gurnata mis-7.00am sal-10.00pm u jumejn

wara "off". Xi zmien wara, is-sistema tax-shift fil-grupp tat-tobba spicca ghal kollox, ghal kulhadd beda jahdem sitt ijiem fil-gimgha sas-2.00pm. Mar ikellem lil certu Tommy Cordina u staqsieh li jekk kemm-il darba jkun hemm xi sistema ta' shift xtaq jahdem hekk ghax ovvjament kien jaqbillu jahdem hekk. Xi zmien wara, kien naqas xufier fil-grupp tan-nurses li kien jahdem bix-shift u kkunttatjah is-Sur Cordina u qallu li kien ser idahhlu f'dan l-impjieg. Fil-fatt hekk gara.

Ghamel xi sena jahdem f'dan il-grupp, izda gara li f'hin minnhom waqt li kien qed jippancja ghax-xoghol sab mwahhla mal-punch card nota li biha gie infurmat li x-xoghol tieghu kien ser ikun biss sas-2.00pm. Qatt ma nghata raguni ghalfejn kien inghata dan it-transfer. Meta kellem lis-Sur Cordina dan infurmah li mill-Head Office kienu qalulu li kellu jaghti transfer lir-rikorrent. Kompla x-xoghol mhux aktar mal-grupp tan-nurses, izda bhala xufier mal-ambulanzi, jgorr il-pazjenti. Kien hemm ohrajn li kienu bix-shift mieghu u lkoll kemm kienu tnehhielhom ix-shift. Minflokhom dahlu persuni ohra. Il-post tieghu nghata lil Anthony Baldacchino. Dan Baldacchino kien dahal snin warajh u fil-fatt, meta dahal, kien dahal biss bhala reliever fis-sens li kien jahdem biex jaqdi l-ezigenzi tad-Dipartiment.

Ghalhekk ir-rikorrent tilef ix-shift allowances. Kien biss fis-sena 1996 gimghatejn qabel l-elezzjoni li nghata lura x-shift mal-grupp tan-nurses, u llum jahdem dejjem bix-shift mad-Dipartiment in generali.

In kontro-ezami r-rikorrent qal li Thomas Cordina kien il-principal taghhom u kien jahdem fit-transport.

John Baldacchino xehed li kien jahdem jahdem mal-Gvern u spicca xi sitt xhur ilu, u ilu mal-Health xi tnax-il sena. Kien mar mal-Health f' Jannar 1988 bhala driver wara li kien jahdem mal-Public Works bhala ghassies, watchman. Spejga li kienu dahlulu d-dar u l-mara kienet imbezza' ferm li jergghu jidhlulha bil-lejl u ghalhekk ma kienx baqa' jista` jahdem ta' bil-lejl u kien sejjer jitlaq minn mal-Gvern. Kien hemm persuna li kienet irrangatlu li jibda jahdem matul il-gurnata u spicca jahdem bhala driver. Kien jahdem bhala driver bix-shift pero` bin-nhar biss. Zied li jaf lir-rikorrent ghax sar jafu meta kont beda jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha. Hu kien jahdem bhala driver ukoll bix-shift ukoll. Wara li kienu dahlu huma kienu spiccaw l-ojrajn. Kienu jsuqu l-karozzi taghhom.

Thomas Cordina xehed li bejn l-1983 u l-1985 kien inkarigat mit-Transport Section fil-Ministry of Health. Kien ghamel hemmhekk xi tnax-il sena. Il-kariga tieghu kienet Officer in Charge Transport. Lir-rikorrent jiena jafu u deherlu li kien MT Driver u wara sar Ambulance Driver. Fil-fatt hu kien driver isuq il-van li ghandu t-tail lift li jwassal il-pazjenti li ghandhom bzonn physiotherapy u outpatients. Dak iz-zmien kien hemm 20 driver li kienu qieghedin jahdmu fuq sistema li jahdmu bix-shift u jgibu lill-pazjenti ta' emergenza kemm stretcher case u anke le, kif ukoll physiotherapy.

Kien hemm grupp iehor li ma kienux jahdmu night duties bhall-ambulance drivers pero` bix-shift ukoll.  Imbaghad kien hemm sezzjoni ohra ta' nies li kienu bid-day duty mit-Tnejn sas-Sibt u anke mit-Tnajn sal-Gimgha.  Min kellu x-shift kellu x-shift allowance ghax jigi jahdem il-Hadd.  Originarjament ir-rikorrent kien jahdem max-shift tat-tobba li kienu jibqghu ghaddejjin xi 24 hours.  Dawk anqas biss kienu jiehdu allowance ghax kienu jaqghu taht id-dixxiplina militari.

**KONKLUZJONIJIET:**

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih.  Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli.  Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk.  Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun

hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent gie trasferit minn sezzjoni ghall-ohra tal-istess dipartiment ghal xi zmien u wara tpogga lura fl-istess sezzjoni. Raguni ghaliex sar dan ma inghatatx. Huwa veru li l-Gvern mhux marbut li jzomm persuna fuq is-shift u li jaghtih is-shift allowance u certament kellu d-dritt li jwaqqaf is-shift jekk ma kellux bzonn is-servizz tax-shift. Izda fil-kaz in ezami tnehha minn driver minghajr raguni r-rikorrent li kien impjegat bhala driver u tpogga minfloku Baldacchino li gie minn Dipartiment iehor fejn kien jahdem ta’ ghassies biex jaghmel hu x-xoghol ta’ driver bis-shift. Hu ovvju li dan jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394.

Fil-kawza deciza mit-Tribunal fl-20 ta’ April, 1998 fl-ismijiet Mario Farrugia vs Tabib Principali tal-Gvern it-Tribunal qal:

“Mill-ezami tad-dokumenti ezibiti jirrizulta li hafna persuni li gew trasferiti ghall-garage ta’ l-ambulanzi ma kienux drivers izda Hospital Auxiliaries, Technical Officers, Boiler Attendant, Skilled Labourer, Watchman u hadu post nies li kienu drivers. Dan it-Tribunal certament ihoss li saret ingustizzja ma’ min kien driver u gie sostitwit bhala driver minn persuni li kienu fil-kategoriji imsemmija hawn fuq.

Ukoll dan it-Tribunal gja kellu l-okkazzjoni fejn jghid li transfer ma ghandux isir jekk ma jkunx hemm ragunijiet validi ghalih u certament ma ghandux isir minghajr certu formalitajiet. Ihoss li d-dinjita' umana ta' impjegat titlob li transfer isir bil-miktub u fuq firma ta' kap ta' Dipartiment u li fih ikun hemm indikati l-motivi ghala sar it-transfer. Dan inaqqas il-possibilta' li transfer jinghata minghajr ma jkun gustifikat."

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat li t-transfer sar skond it-terms of appointment, l-esigenza tas-servizz u l-mobilita' ta' l-impjegat pubbliku. Dawn veru li huma principji stabbiliti u li jintitolaw lill-Gvern li jaghmel it-transfers necessarji, izda tali transfers iridu jsiru skond il-procedura korretta u li jkunu verament gustifikati mill-esigenzi tas-servizz u mhux li jintbaghat jaghmel xoghol ta' driver min mhuwiex driver u dak li hu driver ingustament jitlef l-allowances li kien intitolat ghalihom.

Peress li jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent huwa gustifikat, wara li t-Tribunal qies il-fatturi kollha [inkluz li r-rikorrent kien rega' tpogga fuq ix-shift xi zmien wara] jirrikmanda hlas ta' kumpens lir-rikorrent ta' elef u hames mitt lira maltija [LM1500].

Spejjez kontra l-intimat.